# FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 2 ta' Awissu 2024**

**Wara l-mandat tas-sekwestru numru 2091/2023 fl-ismijiet:**

**Jake Micallef (KI 409290M) et**
**vs.**
**Johanna Vella (KI 162366M) et**

**Rikors (numru 1434/2023) ta' Johanna Vella (KI 162366M) et**

**Il-Qorti**

1. Rat ir-rikors fejn **Johanna Vella (KI 162366M) et** talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar il-mandat ta' sekwestru infraskritt ai termini tal-artikolu 836(1)(b)(d) u/jew (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll biex din il-Qorti timponi penali fuq Jake Micallef et penali fis-sensi tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sal-massimu maħsub mill-Liġi wara li saħqu li, in suċċint, dan il-mandat ta' sekwestru ma kienx jissodisfa l-ħtiġijiet tal-Liġi, ma kienx prima faciae ġustifikat u eċċessiv kif ukoll ma kienx iżjed raġonevoli li jitħalla fis-seħħ, u ma kienx meħtieġ jew ġustifikabbli għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) Dan il-mandat kien jirrappreżenta l-antiteżi ta' użu korrett u onest ta' mezzi kawtelatorji. Is-sekwestranti ma kienux vitmi iżda arteflċi ta' ħabi mis-sekwestrati li l-fond mibjugħ lis-sekwestrati kien gravament difettuż f'kuntest fejn is-sekwestranti kienu ilhom jafu bl-eżistenza ta' tali difetti u ma qalu xejn dwarhom lis-sekwestrati għajr ħlief wara li

kien ġie iffirmat il-kuntratt tal-bejgħ u xiri. Kien tliet ijiem wara episodju ta' ingress qawwi ta' ilma li s-sekwestanti iffirmaw dan il-kuntratt ta' bejgħ u xiri tal-fond de quo lis-sekwestrati, u fejn ħadulhom €585,000 filwaqt li ma wrew ebda rimors jew indima għall-fatt li kienu ħbew fatt tant importanti fuq il-proprjeta li kienet qed tinbiegħ;

(b) Kien f'dan l-isfond li s-sekwestrati ħadu l-pariri tekniċi u legali u istitwew l-azzjoni stimatorja kontra s-sekwestranti filwaqt li talbu l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ammont ta' €215,000 bażat fuq il-kalkoli peritali maħduma lilhom. Frott ta' dan is-sekwestru ġew depożitati biss €9632.30;

(c) Kien malli rċevew l-atti tal-kawża li s-sekwestranti rritaljaw billi talbu l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fl-ammont ta' €60,000 mingħajr ma kellhom ebda dokument jew bażi oħra li turi kif waslu għal dak l-ammont. Dan allura kien juri li l-mandat ta' sekwestru maħruġ mis-sekwestranti kien frivolu u magħmul biss b'sens ta' tpattija għall-mandat li kienu rċevew huma mingħand is-sekwestrati preċedentement;

(d) Is-sekwestranti jgħidu li sofrew danni konsegwenza tal-mandat tas-sekwestru preċedenti maħruġ kontrihom mis-sekwestrati. Wieħed ma setgħax jagħmel kawża għad-danni u joħroġ mandat ta' sekwestru sempliċiment għaliex ikun hu stess irċieva mandat. Fejn il-ħruġ tal-mandat tas-sekwestru da parti tas-sekwestrati kien bażat fuq fatti pruvabbli faċilment u kien magħmul b'kawtela ta' drittijiet evidenti, is-sekwestranti Micallef ma kienux jistgħu jitqiesu preġudikati għax is-sekwestrati Vella sempliċiment eżerċitaw jedd li ttihom il-Liġi. Eżerċizzju ta' dritt eżerċitat fil-limiti permissibbli mill-liġi u li ma jkunx abbużat ma kienx jista' jagħti lok għal responsabbilita ta' danni. Il-mandat ta' sekwestru tas-sekwestrati Vella ma kienx maħruġ b'kapriċċ u l-anqas ġie maħruġ bl-addoċċ in kwantu dak li talbu jirrifletti l-istima peritali li huma ħadu. Anzi qabel ma ġie maħruġ dan il-mandat il-Qorti riedet spjegazzjoni dwar kif kienu waslu għal dik is-somma u b'hekk kien hemm għarbiel doppju tat-talba tagħhom;

(e) Mill-banda l-oħra il-mandat ta' sekwestru de quo inħareġ mis-sekwestranti Micallef mingħajr ebda prova l-anqas prima facie tad-danni li ġarbu kif ukoll li kien impossibbli li jġarbu danni ta' €60,000 meta dak li ġie sekwestrat lilhom l-anqas kien ilaħħaq l-€10,000;

(f) Anzi kif is-sekwestranti Micallef irċevew il-mandat tas-sekwestru li kienu ħarġu s-sekwestrati Vella, minflok ma qabdu u marru jagħmlu talba għar-revoka tal-mandat tas-sekwestru li sabu ma wiċċhom huma rritaljaw billi marru jagħmlu talba għal mandat ta' sekwestru

kontra s-sekwestrati Vella. Mandati kawtelatorji ma kellhomx jintużaw bi skop li jweġġħu jew ipattu aktar milli jikkawtelaw;

(g) Inoltre, dwar l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta intqal ukoll li għall-fini tad-determinazzjoni tar-raġonevolezza jekk mandat kwatelatorju jinżammx fis-seħħ, ma kienx meħtieġ neċessarjament li jirriżulta xi kambjament fiċ-ċirkostanzi mil-jum li fih ikun inħareġ il-mandat sal-jum li fih jiġi ppreżentat ir-rikors għar-revoka in kwantu seta' jkun hemm ċirkostanzi li jkunu juru li sa mill-ewwel jum dak il-mandat ma kellux jibqa' fis-seħħ kollu jew parti minnu. Dan peress li mandat tali jinħareġ fuq il-ġurament tar-rikorrent mingħajr stħarriġ l-anqas prima faciae tar-raġunijiet warajh; b'hekk mhux bilfors irid jirriżulta bdil fiċ-ċirkostanzi wara l-ħruġ tal-mandat in kwantu jista' jkun li dak il-mandat ma jkunx ġustifikat li jkun maħruġ sa mill-bidu nett;

(h) Peress li dan il-mandat ta' sekwestru inħareġ b'malizzja u qerq, kien hemm lok għal imposizzjoni ta' penali per art 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat ir-risposta tas-sekwestranti Jake Micallef et li saħqu li t-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru de quo kif ukoll it-talba għall-penali kellha tiġi miċħuda għar-raġunijiet li ġejjin:

   (a) is-sekwestrati Vella kienu intavolaw kawża stimatorja flimkien ma mandat ta' sekwestru għal €215,000. Iżda mill-provi prodotti s'issa kien jidher li l-mandat ta' sekwestru tagħhom kien forma ta' *arms twisting* biex jikkawżaw danni lis-sekwestranti Micallef u jġegħluhom jaslu għal xi forma ta' kompromess; iżda dawn id-danni issa huma meritu ta' kontro-talba kontra l-istess sekwestrati;

   (b) it-talba għar-revoka kienet frivola u vessatorja minħabba li ma kienx hemm bdil fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

   (c) talba għal revoka ma kienetx forma ta' appell minn digriet li jakkorda ħruġ ta' mandat; il-Qorti riedet tanalizza prima faciae hemmx bdil fiċ-ċirkostanzi li waslu għall-ħruġ tal-mandat u mhux tal-meritu;

   (d) is-sekwestranti kellhom jirrikorru għall-mandat tas-sekwestru minħabba li s-sekwestrati ntavolaw proċeduri li kienu qed jikkawżawlhom danni sostanzjali u b'hekk ħarġu dan is-sekwestru biex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom pendenti l-kawża. Anzi jekk xejn kellu jkun il-mandat tas-sekwestrati li kellu jiġi revokat peress li l-provi wrew li din kienet kawża frivola u vessatorja u l-mandat tas-sekwestru kien abbużiv anke kif muri mix-xiehda tal-perit Lanfranco;

(e) sadattant is-sekwestranti għadhom l-anqas biss bdew iresqu provi tagħhom u b'hekk ma kienx konċepibbli kif dak il-mandat setgħa jiġi mħassar f'dan l-istadju. Mhux is-sekwestrati biss kellhom jedd joħorġu mandati kawtelatorji, iżda s-sekwestranti kellhom ukoll dan il-jedd.

**Ikkunsidrat**

**It-talba tar-rikorrenti għat-tneħħija tal-mandat ta' sekwestru bażata fuq l-artikolu 836(1)(b)(d)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

3. F'dan il-każ, il-Qorti trid tara jekk waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti, jekk is-sekwestrant ikollux, *prima facie fumus iuris* – jedd mal-ewwel daqqa t'għajn - biex ikun jista' jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu.[1] Trid tqis ukoll jekk fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. Il-Qorti tkun trid tistħarreġ ukoll jekk u safejn il-kawżali tal-mandat kawtelatorju tkun tista' tintrabat mal-kreditu li jkun qiegħed jiġi pretiż u msemmi fl-istess mandat. Huwa għalhekk li l-Qorti trid tara jekk mal-ewwel daqqa t'għajn ikunx jirriżulta li r-rikorrent ikollu bażi għall-pretensjoni tiegħu u f'każ li l-Qorti ssib li hemm din il-bażi imbagħad tgħaddi biex tistħarreġ jekk ir-rikorrent sekwestrant ikunx wasal li juri, dejjem mal-ewwel daqqa t'għajn, li l-pretensjoni pekunjarja msemmija minnu tkun taqbel mal-ammont maħluf fuq il-mandat.[2]

4. Mandat kawtelatorju jinħareġ taħt ir-responsabbilita' tar-rikorrent. Għalkemm dawn il-Qrati ma jesiġux formaliżmi esaġerati f'dak l-istadju, mill-banda l-oħra ma jfissirx li dawn il-mandati jistgħu jsiru b'leggerezza, b'non kuranza jew bi traskuragni. Wisq anqas għandhom isiru b'abbuż, b'mod frivolu jew vessatorju, b'intenzjoni qarrieqa, jew b'finalita' ta' "arms twisting" kontra dawk li jkunu ġew maħruġa.

5. F'dan il-każ is-sekwestrati Vella ma speċifikawx sewwasew x'kienet dik il-waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma li tkunx għadha fil-fatt teżisti.

---

[1] Ara **Casino-For-Me Limited vs. Chartwell Games (Malta) Limited**, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il- 5 ta' Settembru 2008.
[2] Ara **Avv J.J. Vella noe v Eden Irish Aircraft Leasing MSN 204 Limited** deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-5 ta' Diċembru 2012.

6. Kwantu għat-turija jekk is-sekwestranti kellhomx *prima faciae fumus boni iuris* din il-Qorti taqbel li, bħala regola, mhux kull min jagħmel kawża jew jottjeni l-ħruġ ta' xi mandat kawtelatorju awtomatikament jesponi ruħu responsabbli għal danni. Il-Liġi ma tridx min jabbuża mid-dritt; iżda ma tridx l-anqas tiskoraġġixxi lil min verament għandu dritt li jikkawtela l-jeddijiet tiegħu milli jagħmel dan minħabba l-biża li jesponi lilu nnifsu għal danni.

7. F'każ bħal dan fejn l-allegazzjoni tad-danni mresqa mis-sekwestranti hija bażata fuq il-fatt tal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mis-sekwestrati fih innifsu, din il-Qorti trid toqgħod attenta li ma tinvestix il-meritu tal-kontro-talba li ġiet imresqa mis-sekwestranti in kwantu din mhix is-sede b'ġurisdizzjoni fuq dak il-punt.

8. Dan għaliex il-pretensjoni tas-sekwestranti hija bażata fuq l-argument li bil-fatt li s-sekwestrati Vella intavolaw kawża frivola u ħarġu mandat ta' sekwestru għal €215,000 - li skonthom qed jirriżulta bla bażi – dan kien qiegħed jesponihom għal talba għal danni. Sa dan l-istadju u mingħajr ma tinvesti l-meritu tal-vertenza, din il-Qorti ma tistax tinterpreta l-provi mresqa fil-kawża in kwantu apparti li din mhix is-sede adatta, hija għadha sajma mill-provi **<u>kollha</u>** li jistgħu jitresqu matul id-dibattitu f'dan il-każ. Għalkemm jista' jidher li s-sekwestrati kienu qegħdin jeżerċitaw jedd tagħhom li jikkawtelaw il-pretensjoni tagħhom, ma jfissirx li b'indaġini iżjed approfondita fil-kawża fil-meritu ma jistax jirriżulta xort'oħra.

9. Mill-banda l-oħra s-sekwestrati Vella wrew li sa dan l-istadju l-ammont li huma rnexxielhom jissekwestraw lis-sekwestranti Micallef in bażi għall-mandat ta' sekwestru magħmul minnhom ma kienx jaqbeż l-€10,000. Minn naħa tagħhom, almenu s'issa, is-sekwestranti Micallef ma wrewx, almenu prima faciae kif waslu biex jikkonkludu li d-danni li huma ssubew minħabba l-mandat ta' sekwestru avversarju kien iwassal għal €60,000. Għalkemm li f'dan l-istadju din il-Qorti ma tistax tgħaddi ġudizzju dwar jekk dak il-mandat kienx illeġittimu jew le, mill-banda l-oħra, anke jekk għall-grazzja tal-argument jingħata l-benefiċċju tad-dubju u jitqies maħruġ leġittimament, xorta jibqa' li mal-ewwel daqqa t'għajn, dan il-mandat ta' sekwestru jidher li huwa eċċessiv fis-sensi tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Din il-Qorti taqbel li kwantu għall-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta il-kwistjoni tad-determinazzjoni tar-raġonevolezza jekk mandat kwatelatorju jinżammx fis-seħħ, mhux

meħtieġ neċessarjament li jirriżulta xi kambjament fiċ-ċirkostanzi mil-jum li fih ikun inħareġ il-mandat sal-jum li fih jiġi ppreżentat ir-rikors għar-revoka in kwantu jista' jkun hemm ċirkostanzi li jkunu juru li sa mill-ewwel jum dak il-mandat ma kellux jibqa' fis-seħħ kollu jew parti minnu. Dan peress li mandat jinħareġ fuq il-ġurament tar-rikorrent mingħajr stħarriġ l-anqas prima faciae tar-raġunijiet warajh u b'hekk mhux bilfors irid jirriżulta bdil fiċ-ċirkostanzi wara l-ħruġ tal-mandat in kwantu jista' jkun li dak il-mandat ma jkunx ġustifikat li jkun maħruġ sa mill-bidu nett. Iżda bosta drabi jagħti l-każ li fil-mument tal-ħruġ tiegħu mandat kawtelatorju jkun ġustifikat u r-raġuni għaliex ma jibqax iżjed raġonevoli, ġustifikat jew meħtieġ iseħħ wara, jew tiġi pruvata iżjed il-quddiem. Dan mhux dejjem ikun jista' jingħad minn qabel jew sa mill-bidu nett. Fid-dehra tiegħu pero, f'dan il-każ ma jirriżultax li kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi li jwassal lil Qorti tqis li l-mandat jista' jitneħħa in bażi għal din ir-raġuni.

**Talba għal imposizzjoni tal-penali fis-sensi tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

11. Saret ukoll talba għal kundanna għall-ħlas ta' penali f'dan il-każ in bażi għal dak li jgħid l-artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iġifieri:

> (8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu(1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:
>
> (d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

12. Jiġi preċiżat li għalkemm fil-motivazzjonijiet tagħhom is-sekwestrati Vella jinvokaw kemm l-artikolu 836(8)(b) u kif ukoll (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>fit-tieni talba tagħhom</u>** imbagħad huma jinvokaw **<u>biss</u>** l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk din il-Qorti sejra tillimita l-analiżi tagħha għat-talba għall-penali biss taħt dan il-paragrafu stante li l-paragrafu "b" tħalla barra mit-talba.

13. Il-proċedura ta' imposizzjoni ta' penali ġiet ritenuta mill-ġurisprudenza bħala kwistjoni t'ordni pubbliku. Biex din il-penali tkun

tista' tiġi imposta, huwa biżżejjed li r-rikorrent jipprova li tkun seħħet xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi in kwantu dawn ma humiex kumulattivi iżda alternattivi għal xulxin. Il-penali, isimhom magħhom, huma forma ta' "poena", sanzjoni, imposti mill-Liġi fil-każijiet fejn tkun ġiet pruvata almenu waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) imsemmija. Peress li jagħtu lok għal penali, dawn iċ-ċirkostanzi huma eżawrjenti u ma jgħoddx li jiżdiedu raġunijiet oħra magħhom.

14. Dawn il-penali jsibu l-bażi u r-raġuni tagħhom fuq in-neċessita li tiġi mħarsa s-serjeta li trid il-Liġi fit-tħaddim tal-istitut tal-mandati kawtelatorji. Dan l-istitut jaf ikollu u jħalli effetti serji immens fuq il-ħajja, saħħa, integrita jew disponibilita patrimonjali tal-persuna milquta mill-ħruġ tal-mandat. Għalhekk daqskemm il-Liġi tippermetti l-użu leġittimu, xieraq u in buona fede ta' dawn il-mandati biex persuna tikkawtela l-jeddijiet tagħha meta u fejn jixraq, daqstant ieħor l-istess Liġi tħares bl-ikrah lejn min juża dawn il-miżuri għal skopijiet ħżiena, b'qerq jew b'animu ħażin. Dan għaliex il-Liġi ma tridx min jabbuża mill-proċess ġudizzjarju; u min jazzarda jagħmel dan imbagħad irid iwieġeb għal għemilu billi jeħel is-sanzjoni imsemmija fil-Liġi.[3]

15. B'hekk meta persuna tiġi biex toħroġ mandat kawtelatorju trid, <u>inter alia</u>, tqis:

(a) li jkollha <u>pretensjoni</u> x'tikkawtela li tkun <u>vera</u>, <u>leġittima</u> u <u>dimostrabbli</u>;
(b) li jkollha l-<u>ħtieġa</u> li tirrikorri għall-ħruġ ta' mandati kawtelatorji biex tikkawtela dik il-pretensjoni;
(c) li jkollha <u>ġustifikazzjoni</u> fil-ħruġ ta' dak il-mandat;
(d) li – salv f'każijiet urġenti - il-ħruġ ta' dan il-mandat kawtelatorju <u>ma jkunx sar ħin qabel il-waqt</u> jew mingħajr ma l-intimat ikun ġie <u>msejjaħ</u> biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tar-rikorrent;
(e) li salv f'każijiet urġenti u f'każ ta' dejn mhux likwidu, li tkun <u>talbet lill-intimat jipprovdi sigurtà biżżejjed</u> biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tar-rikorrent;
(f) in-<u>nuqqas ta' raġonevolezza</u> tal-ħruġ ta' dak il-mandat meta l-intimat ikun magħruf sew li ma jkollux problemi ta' likwidita' u fejn ma jkunx hemm raġuni li dik il-persuna tiddubita mill-likwidita tal-

[3] Ara **John Zarb vs. Port Cottonera Limited** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 ta' Settembru 2002.

intimat u l-kapaċita tiegħu li jħallas u jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tagħha;

(g) li t-talba għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju tkun saret in buona fede u ma tkunx saret b'malizzja jew inkella tkun frivola jew vessatorja; u

(h) li tkun segwiet it-talba għall-ħruġ tal-mandat bil-proċedura ġudizzjarja għall-aċċertament tal-jeddijiet pretiżi minnha li jkunu jaqblu u jsegwu mal-kawżali indikati fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju.

16. Fil-każ li persuna tottjeni l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju bi ksur ta' xi wieħed minn dawn ir-raġunijiet imsemmija fil-Liġi, il-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ dak il-mandat għandha r-rimedju mogħti lilha mill-Liġi mhux biss li titlob it-tħassir tal-mandat kollu kemm hu jew parti minnu fis-sensi tal-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; iżda saħansitra li titlob lil Qorti biex twaħħal lil min ikun ħareġ dak il-mandat kawtelatorju dik il-penali msemmija fil-Liġi.[4] Allura f'dak il-każ, dik il-persuna imbagħad tkun qegħda tesponi lilha nnifisha għall-possibilita li tiġi sanzjonata mill-Qorti billi tiġi kundannata tħallas il-penali li ssemmi l-Liġi f'dan l-artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[5]

17. F'dan il-każ, is-sekwestrati Vella jsostnu li l-mandat ta' sekwestru maħruġ kontra tagħhom mis-sekwestranti Micallef kien frott ta' malizja u ingann. Din il-Qorti tqis li din hija kwistjoni li tolqot il-meritu tad-dibattitu quddiemha fejn għadha trid tindaga l-fatti tal-każ u tara x'sejjer jirriżulta mill-provi biex tqis sewwasew dan l-argument fis-sede opportuna. Għadu prematur biex din il-Qorti tippronunzja ruħha dwar dan – u strettament l-anqas tista' mingħajr ma tkun qegħda tinvesti parti mill-meritu tal-kawża. B'hekk din il-Qorti tqis li jkun intempestiv li tiddeċiedi t-talba taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta f'dan l-istadju u f'dan il-kuntest proċedurali partikolari f'dan il-każ.

[4] U dan oltre dak previst mill-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda li f'dan il-każ il-Qorti mhix se tiddelunga wisq fuqu in kwantu ma kienx hemm talba appożita għal dann wkoll taħt dan is-subartikolu.

[5] Ara **Cole Foods Ltd. vs. Euro Imports Ltd** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-13 ta' Marzu 2003 u **Farrugia vs. C&F Building Contracters Ltd.** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-14 ta' Awissu 2014.

**KONKLUŻJONI**

**Illi għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti in parte billi in bażi għall-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jġib in-numru 2091/2023 fl-ismijiet premessi u l-effetti tiegħu għandhom jinżammu fis-seħħ biss u limitatament sal-ammont ta' għaxart elef euro (€10,000) filwaqt jitħasru u jitneħħew fir-rigward tal-kumplament.**

**Intant tiċħad it-tieni talba għall-imposizzjoni tal-penali fis-sensi tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom ikunu a karigu ta' Jake Micallef (KI 409290M) u Jessica Micallef (KI 45391M).**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**